MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 343/2008

**F. Cordina & Sons Limited (C2864)**

**vs**

**Ramazan Ertugrul (191900L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ April 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ tlett elef mitejn u sebgha u sittin Euro u sitta u tmenin centezmu (€3,267.86) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali.

Ra l-vera kopja tal-kambjali pprezentata mis-socjeta`attrici fit-12 ta’ Mejju 2009.

Ra r-rikors tal-konvenut tat-12 ta’ Mejju 2009.

Ra r-Risposta tal-konvenut tal-15 ta’ Mejju 2009 li permezz taghha eccepixxa illi preliminarjament l-eccipjent ma ffirma ebda kambjala u li bla pregudizzju ghall-premess il-pretensjonijiet attrici huma preskritti.

Ra n-nota tal-konvenut li permezz taghha intavola kopja ta’ kwerela kontra d-diretturi tas-socjeta` attrici u in konnessjoni mal-kambjala mertu tal-kawza.

Ra li l-kawza msemmija fid-digriet tat-13 ta’ Mejju 2009 baqghet ma gietx intavolata mill-konvenut.

Ra li waqt is-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2009 la deher il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef mitejn u sebgha u sittin Euro u sitta u tmenin centezmu (€3,267.86), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------